

Brussell, 26 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16108/24

CULT 124
EDUC 440
AUDIO 111
SOC 862
EMPL 587
SUSTDEV 126
FIN 1065
PI 198
STATIS 127
RECH 514
GENDER 253

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fis-26 ta' Novembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI

1. Li l-aċċess għall-kultura huwa dritt fundamentali tal-bniedem skont l-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt li jipparteċipa liberament fil-ħajja kulturali; li d-drittijiet relatati mal-wirt kulturali huma inerenti fid-dritt ta' parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali; u li t-tfal għandhom id-dritt li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja kulturali u artistika skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;
2. Il-Patt tan-NU dwar il-Futur¹, li jafferma mill-ġdid li d-drittijiet kulturali huma drittijiet tal-bniedem, u li jirrikonoxxi r-rwol tal-kultura fit-trawwim tal-koeżjoni soċjali u l-iffaċilitar tal-iżvilupp sostenibbli;
3. Il-ħtieġa li jiġu żgurati aċċess u parteċipazzjoni ugwali għal kulħadd fil-kultura skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 21 u 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
4. Id-dikjarazzjoni MONDIACULT tal-UNESCO tal-2022, li tenfasizza l-importanza li jiġi appoġġat l-aċċess inklużiv għall-kultura u l-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali; il-Karta ta' Porto Santo tal-2021², li tirrakkomanda t-tneħħija tal-ostakli għall-aċċess kulturali, il-promozzjoni tal-inklużività u d-diversità fil-parteċipazzjoni kulturali; id-dikjarazzjoni ta' Cáceres³ tal-2023, li tiddikjara li l-kultura għandha titqies bħala ġid pubbliku essenzjali u globali u titqiegħed fl-oġġla livell ta' politika;

¹ Il-Patt tan-NU dwar il-Futur ġie adottat fis-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Futur (New York, 22-23 ta' Settembru 2024).

² Il-Karta ta' Porto Santo ġiet adottata fil-Konferenza li saret fis-27 u t-28 ta' April 2021 taħt il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

³ Id-Dikjarazzjoni ta' Cáceres mill-Ministri tal-UE għall-Kultura fil-25 u s-26 ta' Settembru 2023 taħt il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

5. Id-dritt tal-persuni b'diżabilità li jieħdu sehem fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor fil-ħajja kulturali, f'konformità mal-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030, ir-rwol speċjali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Premju Access City (Bliet Aċċessibbli) fl-iffaċilitar tal-aċċess tal-persuni b'diżabilità għall-benefiċċji u s-servizzi fil-qasam tal-kultura;
6. L-istedina lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif stabbilit fil-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026⁴, biex jikkunsidraw li jipproponu qafas strateġiku tal-UE għall-kultura li jirrifletti l-prinċipji gwida stabbiliti fl-Anness I tal-Pjan ta' Ħidma u li jkollu l-għan li jintegra b'mod strateġiku l-perspettiva tal-politika kulturali u l-assi tal-kultura fil-politiki, il-programmi u l-inizjattivi rilevanti kollha tal-UE.
7. Ir-rikonoxximent dejjem jikber tal-importanza tal-parteeċipazzjoni kulturali għas-saħħa personali, il-benesseri, il-koeżjoni territorjali u soċjetali, kif ukoll fit-tiżiħ tad-demokrazija, kif enfasizzat fil-qasam ta' prijorità tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023–2026 intitolat "*Kultura għan-nies: it-tiżiħ tal-parteeċipazzjoni kulturali u r-rwol tal-kultura fis-soċjetà*" u murija mir-riżultati tar-rapport tal-Kummissjoni Ewropea "Kultura u demokrazija, l-evidenza" u l-proġett CultureForHealth iffinanzjat mill-UE⁵;
8. L-isforzi⁶ tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha f'dawn l-aħħar deċennji biex jiffaċilitaw l-aċċess u l-parteeċipazzjoni f'attivitajiet kulturali u jqajmu kuxjenza f'dan ir-rigward;

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/C 466/01

⁵ <https://www.cultureforhealth.eu/>

⁶ Dawn l-isforzi jinkludu l-Premju tal-UE għall-Belt Aċċessibbli, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, il-Jum tal-Awturi Ewropej, l-inizjattiva Culture Moves Europe, l-inizjattiva Kapitali Ewropej tal-Kultura, il-Premjijiet Kulturali tal-UE u, b'mod aktar ġenerali, il-proġetti ffinanzjati taħt il-programm Ewropa Kreattiva u l-programm Orizzont Ewropa.

9. Il-fatt li l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà jistabbilixxi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà li huma rilevanti għall-qasam tal-kultura; id-Direttiva dwar l-aċċessibbiltà tas-siti web u l-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku; id-Direttiva u r-Regolament li jimplimenta t-Trattat ta' Marrakexx dwar l-aċċess għal materjal stampat għal persuni b'vista batuta; l-emenda tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), li tippermetti li tiġi applikata l-istess rata tal-VAT għall-provvista ta' pubblikazzjonijiet elettroniċi u pubblikazzjonijiet stampati, inkluż daww mislufa mil-libreriji;
10. Ir-rakkomandazzjoni⁷ tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adottata fl-2022, li tenfasizza r-rwol essenzjali tal-istituzzjonijiet kulturali pubbliċi biex jilhq lill-pubbliku ġenerali, inkluż iż-żgħażaġh, u fit-tiżiħ tal-parteċipazzjoni kulturali u l-attivitajiet kulturali, irriskettivament mil-livelli ta' introjtu u edukazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi rikonoxxut il-kontribut tal-kultura għal soċjetà demokratika u l-importanza tal-kultura, il-wirt kulturali u l-pajsaġġ għat-tliet dimensjonijiet tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli f'termini tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali tas-soċjetajiet, kif ukoll ir-rwol essenzjali tagħhom fl-ekonomija kreattiva u l-attrazzjoni tat-territorji.

JIRRIKONOXXI:

11. Il-valur intrinsiku tal-kultura bħala bażi għall-kreattività u l-espressjoni proprja, biex jiġu appoġġati s-saħħa u l-benesseri mentali, u biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja. Il-kultura tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp lokali u reġjonali, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija produttiva u l-progress ekonomiku billi tgħin lin-nies jiksbu kompetenzi ewlenin, tappoġġa l-kondiviżjoni tal-għarfien, tibni l-fiduċja fihom infushom u tagħti s-setgħa biex (jerġgħu) jidħlu fis-suq tax-xogħol u tgħammar lin-nies għat-tagħlim tul il-ħajja.

⁷ Recommendation of the Committee of Ministers to Member States on the role of culture, cultural heritage and landscape in helping to address global challenges (Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar ir-rwol tal-kultura, il-wirt kulturali u l-pajsaġġ biex jgħinu fl-indirizzar tal-isfidi globali)
<https://search.coe.int/cm?i=0900001680a67952>

12. L-importanza ta' approċċ olistiku għall-kultura u l-parteċipazzjoni kulturali, li għandu l-għan li jinkorpora f'dawn il-kunċetti l-aspett tal-parteċipazzjoni ċivika. Dan huwa essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi soċjali bħat-tiżiż tal-koeżjoni soċjali u d-demokrazija;
13. Li l-aċċess għall-kultura jista' jiġi mxekkel minn diversi ostakli, inkluż limitazzjonijiet finanzjarji fiżiċi u personali; ostakli psikoloġiċi; ostakli sensorjali, konjittivi u kulturali; il-forom kollha ta' sterjotipi u diskriminazzjonijiet inkluż il-ġeneru; ostakli teknoloġiċi; in-nuqqas ta' aċċessibbiltà f'ambjenti mibnija u virtwali, informazzjoni, komunikazzjoni, prodotti u servizzi; kif ukoll in-nuqqas ta' ħin u interess;
14. Li l-aċċess għall-kultura huwa relatat b'mod qawwi mal-livelli tal-edukazzjoni, l-opportunitajiet finanzjarji, l-inklużjoni, l-aċċessibbiltà, iċ-ċirkostanzi ġeografiċi u l-kundizzjonijiet tas-saħħa, u li hija meħtieġa attenzjoni biex jingħelbu dawn l-ostakli u jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali;
15. L-importanza ta' attivitajiet kulturali bbażati fuq il-ħtiġijiet u l-interessi tal-komunitajiet reġjonali u lokali;
16. Li permezz tal-iżvilupp ta' teknoloġiji inklużivi u aċċessibbli – filwaqt li jiġi applikat l-approċċ ta' Disinn Universali – il-kisba ta' ħiliet diġitali u litteriżmu fil-media u d-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali għandhom rwol kruċjali fil-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' - kif ukoll fl-għoti ta' aċċess mingħajr ostakli, innovattiv, rapidu u affordabbli għall-valuri kulturali, u fl-istess ħin jinkoraġġixxu lin-nies biex ikunu kreattivi u innovattivi (eż. permezz tal-media soċjali).

JILQA':

17. L-appoġġ għall-parteċipazzjoni kulturali, l-apprendiment u l-mobbiltà permezz ta' diversi azzjonijiet f'Ewropa Kreattiva, Erasmus+ u l-programmi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
18. L-inizjattiva taċ-Ċentru tal-Patrimonju Ewropew, li għandha l-għan li ssaħħa l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-wirt kulturali;
19. Il-fatt li l-Eurostat dan l-aħħar aġġorna l-istatistika kulturali tiegħu dwar il-parteċipazzjoni kulturali;
20. Mingħajr ma jiġu antiċipati d-diskussjonijiet ta' wara l-2030, il-kampanja internazzjonali tal-#culture2030goal, li għandha l-għan li tintegra għan kulturali speċifiku fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-Aġenda ta' wara l-2030;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI ADATTI:

21. Jissalvagwardjaw u jippromwovu aċċess liberu u ugwali għall-kultura fil-livelli kollha u mingħajr interferenza jew tfixkil mhux ġustifikat - filwaqt li jirrispettaw id-diversità kulturali, il-multilingwiżmu u d-drittijiet tal-proprietà intellettuali, pereżempju permezz ta' programmi ta' skambju u mobbiltà, inizjattivi - biex jiżied il-litteriżmu fil-media u jissaħħu r-rabtiet bejn il-kultura, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà;
22. Ikomplu jipprovdu opportunitajiet għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali, anke b'mezzi diġitali, li jespandu l-firxa ta' udjenzi ġodda, inkluż iż-żgħażaġh u, f'sens wiesa', persuni li jiffaċċaw ostakli biex jaċċessaw il-kultura, u b'hekk joħolqu inklużjoni u sens ta' appartenenza fis-soċjetà;

23. Iżommu d-djalogu mas-setturi kulturali u kreattivi (CCS) dwar l-importanza tal-iżvilupp u s-sensibilizzazzjoni tal-udjenza, il-ħinijiet tal-ftuħ meqjusa sew u xierqa għall-istituzzjonijiet kulturali u d-dati tal-avvenimenti kulturali li jqisu l-ħtiġijiet tal-udjenzi;
24. Jikkunsidraw l-inkorporazzjoni ta' attivitajiet kulturali u wirt kulturali fit-twettiq u l-implimentazzjoni ta' aġendi ta' politika oħra, pereżempju fl-oqsma tal-iżvilupp reġjonali u lokali, l-innovazzjoni, ir-riġenerazzjoni urbana, l-integrazzjoni tal-komunità, is-saħħa, il-benesseri u l-kura soċjali, fost approċċi oħra billi jiġi sfruttat il-potenzjal tal-kultura fir-rigward tas-saħħa mentali, u l-promozzjoni, pereżempju, ta' proġetti ta' preskrizzjoni kulturali;
25. Jikkunsidraw li jikkollaboraw ma' setturi oħra sabiex jintegraw aspetti tal-parteciġazzjoni kulturali fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, fit-tfassil tal-istrateġija u fl-iskemi ta' finanzjament tagħhom barra mill-politika kulturali, u jikkunsidraw li jiżviluppaw aktar miżuri li jiffukaw fuq il-parteciġazzjoni sinifikanti u uguali tal-persuni kollha li jiffaċċaw ostakli għall-aċċess għall-kultura;
26. Jikkunsidraw li jieħdu miżuri xierqa fil-qasam kulturali biex jeliminaw l-inugwaljanzi fl-aċċessibbiltà tal-kultura, is-siti kulturali u l-monumenti b'attenzjoni speċjali għall-persuni b'diżabilità u bi bżonnijiet speċjali, pereżempju permezz ta' medjaturi kulturali;
27. Jikkunsidraw li jappoġġaw lill-istituzzjonijiet kulturali li jipprovdu opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni b'diżabilità, inkluż l-artisti, u jikkunsidraw li jippromwovu l-viżibbiltà tagħhom biex inaqqsu d-distakk fl-impjieg ta' persuni b'diżabilità u mingħajr diżabilità;

28. Jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni kollha li jiffaċċaw ostakli f'termini ta' aċċess għall-kultura billi jikkunsidraw li jiżviluppaw oqfsa ta' politika u strateġiji fuq terminu qasir u twil u joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa permezz ta' miżuri u inċentivi li jneħħu l-ostakli amministrattivi, finanzjarji, lingwistiċi, soċjoekonomiċi u oħrajn għall-parteċipazzjoni;
29. Jikkunsidraw, fejn rilevanti, l-iżvilupp ta' strateġiji ta' aċċess infurmati u ppjanati sew għal siti u monumenti ta' wirt kulturali, inkluż soluzzjonijiet ta' ġestjoni li jibbilanċjaw l-aċċessibbiltà mtejbja għall-viżitaturi kollha fir-rigward tal-karattru uniku, l-integrità u l-awtentiċità tal-wirt kulturali tal-post.
30. Jikkunsidraw li jappoġġaw u jstimulaw organizzazzjonijiet ta' bażi kulturali lokali f'postijiet li huma remoti, żgħar u/jew f'riskju ta' depopolazzjoni bil-ħsieb li jippromwovu programmi kulturali minn isfel għal fuq u inklużivi, inizjattivi kulturali lokali u strutturi kooperattivi;
31. Jikkunsidraw modi biex titqajjem kuxjenza dwar l-isfidi li jiffaċċaw l-individwi li jiltaqgħu ma' ostakli biex jaċċessaw il-kultura;
32. Jikkunsidraw li jappoġġaw, fejn xieraq, l-educazzjoni formali, informali u mhux formali li tippromwovi l-involviment mal-kultura. L-għan huwa li jitrawmu l-interess kulturali u t-talenti, tinholq il-kurżità taż-żgħażaġh għall-kultura u jissaħħu l-ħiliet intraprenditorjali tagħhom sabiex jiġi stimulat l-iżvilupp tal-ħiliet kreattivi meħtieġa biex jiġi previst futur aħjar għas-soċjetà;

33. Jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' sħubijiet sostenibbli bejn l-iskejjel, l-artisti u l-organizzazzjonijiet kulturali filwaqt li jiżguraw li dawn l-attivitajiet ikunu inklużivi u aċċessibbli għat-tfal tal-iskola, l-istudenti u ż-żgħażaġh kollha b'inqas opportunitajiet, b'mod partikolari dawk b'diżabilità; u jappoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja u l-aċċess għall-edukazzjoni artistika formali u informali u l-prattiki kulturali;
34. Jikkunsidraw il-ħolqien ta' formati innovattivi u faċilment aċċessibbli mfassla għaż-żgħażaġh sabiex jippromwovu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja kulturali;
35. Fejn rilevanti, jikkunsidraw li jirrevedu l-politiki kulturali u l-arranġamenti ta' finanzjament tagħhom biex jinkoraġġixxu l-appoġġ għal firxa diversa ta' organizzazzjonijiet kulturali inklużivi u parteċipattivi, inkluż il-komunitajiet ta' bażi, b'kunsiderazzjoni xierqa għal-libertà artistika;
36. Jistinkaw biex inaqqsu l-ostakli finanzjarji għall-parteċipazzjoni u għall-ħidma fil-qasam kulturali billi jippromwovu inċentivi biex jiġi żgurat li l-kultura tkun aċċessibbli kif ukoll joħholqu kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-professjonisti u l-artisti kulturali⁸;

⁸ Qafas tal-UE għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u l-ħaddiema fis-setturi kulturali u kreattivi - https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0405_MT.html

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FILWAQT LI JIRRISPETTAW IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI ADATTI, BIEX:

37. Jikkunsidraw l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' drittijiet kulturali bħala għodda biex tiddekrivi l-azzjonijiet ippjanati fil-qasam tad-drittijiet kulturali, billi tintegra analiżi tas-sitwazzjonijiet attwali, l-identifikazzjoni ta' objettivi speċifiċi li għandhom jintlaħqu, u miżuri konkreti għall-implimentazzjoni tagħha.
38. Ikomplu jippromwovu l-istabbiliment ta' kollaborazzjonijiet u sħubijiet transsettorjali fit-tul bejn l-atturi fis-CCS u, pereżempju, istituzzjonijiet edukattivi, soċjali, tas-saħħa u tal-ġustizzja kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali;
39. Ikomplu jippromwovu l-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet diġitali tal-organizzazzjonijiet u tal-professjonisti tas-CCS filwaqt li jippromwovu l-awtoespressjoni u l-benesseri diġitali u jipprevjeni d-distakk diġitali.
40. Iżommu djalogu regolari mal-organizzazzjonijiet kulturali - inkluż l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità, lis-soċjetà ċivili u lill-pubbliku ġenerali - dwar l-aċċess ugwali għall-kultura, b'enfasi speċjali fuq id-diġitalizzazzjoni u r-rispett tad-diversità kulturali u lingwistika kif ukoll l-adattament tas-servizzi eżistenti u l-iżvilupp ta' servizzi ġodda għal diversi forom ta' diżabilitajiet u indebolimenti;

41. Jinkoraġġixxu riċerka mmirata lejn valutazzjoni diżaggregata mmexxija mid-data u bbażata fuq l-evidenza tal-ħtiġijiet u d-drawwiet kulturali ta' persuni li jiffaċċaw ostakli fl-aċċess għall-kultura; jipprovdu aktar taħriġ għall-professjonisti kulturali li jaħdmu f'oqsma relatati;
42. Jikkunsidraw li jeżaminaw aktar il-fatturi li jfixklu l-aċċess għall-kultura, b'enfasi fuq żoni rurali u remoti u/jew dawk f'riskju ta' depopolazzjoni, problemi soċjali u ekonomiċi, diżabilitajiet, kundizzjonijiet tas-saħħa, ċaħda tal-libertà, sess, età u sfond edukattiv. Dan jista' jinkludi l-eżami ta' livelli u oqsma differenti ta' aċċess, ostakli strutturali kif ukoll fiżiċi, lingwistiċi u psikoloġiċi;
43. Jikkunsidraw, f'kollaborazzjoni mal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri tal-Eurostat dwar l-Istatistika Kulturali, li jtejbu l-kejl attwali tal-parteeipazzjoni kulturali. L-għan huwa li tiġi pprovduta statistika aktar frekwenti u mmirata aħjar dwar il-kultura, u li tiġi analizzata r-relazzjoni bejn il-kultura u l-kwistjonijiet tas-saħħa, soċjali u finanzjarji, b'attenzjoni partikolari għall-inugwaljanzi soċjoekonomiċi;
44. Jieħdu aktar miżuri biex jippromwovu l-wirt kulturali tal-Istati Membri u jagħmlu disponibbli fuq l-Europeana permezz tal-aggregaturi nazzjonali; Ikomplu jiżviluppaw l-ispazju komuni Ewropew tad-data għall-wirt kulturali biex jippermettu l-kondiviżjoni tad-data dwar il-wirt bejn il-fruntieri nazzjonali u b'hekk jiffaċilitaw aċċess usa' għall-wirt Ewropew u l-użu mill-ġdid tiegħu;
45. Jikkunsidraw l-inklużjoni tal-parteeipazzjoni kulturali u t-tiżiħ tal-infrastrutturi kulturali bħala għan f'edizzjonijiet aġġornati futuri tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

46. Tinkoraġġixxi n-networking ta' professjonisti li jorganizzaw avvenimenti u attivitajiet kulturali għal persuni li jiffaċċaw ostakli biex jaċċessaw il-kultura. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-popolazzjoni ta' żoni suburbani, postindustrijali, rurali u periferiċi, reġjuni ultraperiferiċi u dawk iż-żoni f'riskju ta' depopolazzjoni jew esklużjoni soċjali;
47. Tiegħu vantaġġ mill-opportunitajiet eżistenti biex tiġbor, torganizzaw u turi b'mod konsultabbli l-prattiki tajbin tal-Istati Membri dwar l-iffaċilitar tal-aċċess għall-kultura għall-persuni li jiffaċċaw ostakli;
48. Tkompli tipprijoritizza l-parteċipazzjoni kulturali u tiffaċilita l-aċċess għall-kultura fil-ħidma attwali u futura tagħha, pereżempju permezz tal-programm Ewropa Kreattiva li għaddej bħalissa (2021–2027);
49. Teżamina l-possibbiltà li tinkludi aspetti kulturali fl-azzjoni ta' monitoraġġ imwettqa fl-Istati Membri mill-AċċessibbliEU⁹, b'attenzjoni speċjali għall-aċċessibbiltà tal-kultura;
50. Tinkoraġġixxi r-riċerka fid-diversità soċjali tas-CCS fl-UE u l-inflwenza tagħha fuq il-parteċipazzjoni kulturali;
51. Tesplora l-possibbiltà ta' stħarriġ tal-Ewrobarometru li jivvaluta l-attitudnijiet u l-opinjoni tan-nies fl-Unjoni Ewropea rigward l-involvement f'attivitajiet kulturali u l-aċċess għall-kultura – b'enfasi speċjali fuq azzjonijiet kulturali formali u informali, kif ukoll fuq dawk li mhumiex utenti – u r-rwol potenzjali tal-kultura fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja tan-nies.
52. Tesplora jekk l-aċċess imraħħas għall-istituzzjonijiet kulturali u l-kontenut kulturali fl-Unjoni Ewropea jistax ikun marbut mal-Kard Ewropea tal-Istudenti.

⁹ https://accessible-eu-centre.ec.europa.eu/index_en#:~:text=About%20AccessibleEU,-AccessibleEU%20is%20one&text=It%20is%20a%20resource%20Centre,on%20equal%20basis%20with%20others.

DEFINIZZJONIJIET:

Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "*Aċċess għall-kultura*" hija l-kapaċità tal-individwi kollha, irrispettivament mill-isfond, il-kapaċitajiet jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, li jipparteċipaw bis-sħiħ f'attivitajiet u esperjenzi kulturali.
- "*Parteċipazzjoni kulturali*" tinkludi varjetà ta' attivitajiet kulturali attivi u passivi, bħal li wieħed imur iċ-ċinema u l-librerija, jattendi spettacoli live, iżur siti kulturali (monumenti storiċi, mużewijiet, galleriji tal-arti jew siti arkeoloġiċi) jew jipprattika attivitajiet artistiċi u joħloq kontenut.
- Il-"*Premju għall-Bliet Aċċessibbli*" (*ACA*) nħoloq mill-Kummissjoni Ewropea fl-2011 biex jippremja l-bliet li taw prijorità lill-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità. Il-konkors jagħti premju monetarju lill-bliet li qed jindirizzaw l-aċċessibbiltà minn approċċ olistiku. L-oqsma ewlenin tal-premju huma: 1) l-ambjent mibni u l-ispazji pubbliċi, 2) it-trasport u l-infrastruttura relatata, 3) l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inkluż teknoloġiji ġodda, u 4) il-faċilitajiet u s-servizzi pubbliċi.
- "*Ekonomija kreattiva*" (magħrufa wkoll bħala l-"*ekonomija oranġjo*") hija kunċett li qed jevolvi bbażat fuq il-kontribut u l-potenzjal tal-assi kreattivi biex jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku. Huwa jħaddan aspetti ekonomiċi, kulturali u soċjali li jinteraġixxu mal-oġġetti tat-teknoloġija, tal-proprjetà intellettuali u tat-turiżmu.

- "*Preskrizzjoni kulturali*" jew "preskrizzjoni soċjali bbażata fuq il-kultura" tirreferi għall-prattika fejn il-professjonisti tal-kura tas-saħħa jirrakkomandaw attivitajiet kulturali, bħal żjarat fil-mużewijiet, teatru, klassijiet taż-żfin jew proġetti tal-arti tal-komunità biex tittejjeb is-saħħa mentali u fiżika tal-pazjenti. Dan l-approċċ għandu l-għan li jnaqqas l-istress, isahħa il-konnessjonijiet soċjali u jtejjeb il-benesseri ġenerali.
- L-approċċ ta' "*Disinn Universali*" huwa filosofija tad-disinn li għandha l-għan li toħloq prodotti, servizzi u ambjenti li huma aċċessibbli u li jistgħu jintużaw mill-akbar għadd possibbli ta' persuni.
- "*Medjaturi kulturali*" huma professjonisti li jiffaċilitaw l-aċċess għal għadd akbar ta' persuni għal xogħlijiet u produzzjonijiet kulturali b'mod informali u individwalizzat. Dan jinkludi t-tneħħija tal-ostakli possibbli u l-adattament tal-medjazzjoni għall-persuni b'diżabilità u għal bżonnijiet speċjali oħra. Il-medjazzjoni kulturali hija l-proċess li jgħin lin-nies jifhmu bis-sħiħ l-arti permezz tal-involviment u l-parteċipazzjoni.
- "*Pjan tad-drittijiet kulturali*" huwa qafas imfassal biex jimplimenta azzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet kulturali. Huwa jiddeskrivi l-inizjattivi li għandhom jittieħdu, jinkorpora valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali, jidentifika objettivi speċifiċi li għandhom jintlaħqu, u jagħti dettalji dwar miżuri speċifiċi meħtieġa biex jiġi żgurat li jintlaħqu dawk l-objettivi.
- L-"*aggregaturi*" jaħdmu mal-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali biex jagħmlu d-data tagħhom aċċessibbli permezz tal-Europeana u pjattaformi diġitali oħra fl-Istati Membri biex jikkondividu d-data tagħhom permezz tal-ispazju tad-data għall-wirt kulturali (<https://pro.europeana.eu/page/aggregators>)

REFERENZI:

It-Trattati tal-UE

- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2012/C 326/02).

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-udjenza (2017/C 425/03).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi (2021/C 209/03).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-setturi kulturali u kreattivi permezz tal-iżvilupp tal-udjenza mmexxi mid-data (C/2024/3542).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli (2014/C 183/08).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza parteċipatorja tal-patrimonju kulturali (2014/C 463/01).
- Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1–118).
- Direttiva tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud li japplikaw għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi (ĠU L 286, 14.11.2018, p. 20).
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023–2026 (2022/C 466/01).
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2003 dwar l-aċċessibilità tal-infrastruttura kulturali u tal-attivitajiet kulturali għall-persuni b'diżabilità (2003/C 134/05).
- Rapport tal-grupp ta' esperti dwar il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK): "Mill-inklużjoni soċjali sal-koeżjoni soċjali – Ir-rwol tal-politika tal-kultura", 2019.

Kummissjoni Ewropea

- Linji gwida ta' politika tal-Pjattaforma tas-Soċjeta' Ċivili dwar l-Access għall-Kultura.
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar spazju komuni Ewropew tad-data għall-wirt kulturali ((C(2021) 7953 final).
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibbiltà fuq l-internet ta' materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali (2011/711/UE).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura (COM(2018) 267 final).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030 (COM(2021) 101 final).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura (COM(2017) 673 final).
- Statistika tal-Eurostat dwar il-kultura

- Rapport tal-Kummissjoni Ewropea: 'Culture and Democracy, the evidence. How citizens' participation in cultural activities enhances civic engagement, democracy and social cohesion: lessons from international research" (Il-Kultura u d-Demokrazija – l-evidenza. Kif il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-attivitajiet kulturali ssaħħa l-involvement ċiviku, id-demokrazija u l-koeżjoni soċjali: tagħlimiet mir-riċerka internazzjonali), 2023.
- Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, 2019.
- Rapport bit-titlu 'Policies and good practices in the public arts and cultural institutions to promote better access to and wider participation in culture' (Politiki u prassi tajba fl-istituzzjonijiet artistici u kulturali pubbliċi sabiex jippromwovu aċċess aħjar għall-kultura u partecipazzjoni usa' fiha), 2012.
- "Study on audience development – How to place in the centre of cultural organisations" (Studju dwar l-iżvilupp tal-udjenza – Kif l-udjenzi jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-organizzazzjonijiet kulturali), 2017.
- Ir-rapport ta' brainstorming ta' Voices of Culture: "Social inclusion: partnering with other sectors" (Inklużjoni soċjali: bis-sħab ma' setturi oħra, Ottubru 2018.
- Ir-rapport ta' Voices of Culture: "The role of culture in non-urban areas of the European Union" (Ir-rwol tal-kultura f'żoni mhux urbani tal-Unjoni Ewropea), 2020.
- Workshop għall-Esperti tal-Istati Membri tal-UE dwar il-Kultura għall-Koeżjoni Soċjali, 2020.
- Rapport ta' Voices of Culture "Youth, Mental health and Culture" (Żgħażaġħ, Saħħa Mentali u Kultura), 2023.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

- Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1).
- Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).
- Direttiva (UE) 2017/1564 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 dwar ċerti użi permessi ta' ċerti xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat u li temenda d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 242, 20.9.2017, p. 6–13)
- Regolament (UE) 2017/1563 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-iskambju transfruntier bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi ta' kopji b'format aċċessibbli ta' ċerti xogħlijiet jew materjal ieħor protett bid-dritt tal-awtur u bi drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat (ĠU L 242, 20.9.2017, p. 1–5)
- Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92-125)

Parlament Ewropew

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2022 lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità (2022/2026(INI)).
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2018 dwar l-ostakli strutturali u finanzjarji fl-aċċess għall-kultura (2017/2255(INI)).
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2022 dwar ir-rwol tal-kultura, tal-edukazzjoni, tal-media u tal-isport fil-ġlieda kontra r-razziżmu (2021/2057(INI)).
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura u l-Istrateġija tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali (2022/2047(INI)).
- Analiżi fil-fond mill-Parlament Ewropew: "Access to Culture in the European Union" (Aċċess għall-Kultura fl-Unjoni Ewropea), Lulju 2017.
- Rapport dwar l-ostakli strutturali u finanzjarji fl-aċċess għall-kultura (2017/2255(INI)).

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

- Opinjoni dwar "Il-kontribut taż-żoni rurali tal-Ewropa għas-Sena tal-Wirt Kulturali 2018 sabiex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-koeżjoni rurali/urbana" (EESC 2018/01641).
- Opinjoni dwar "Ensuring equal opportunities and social inclusion in access to culture, lifelong learning and the role of public cultural institutions in this process" (L-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs u l-inkluzjoni soċjali fl-aċċess għall-kultura, it-tagħlim tul il-ħajja u r-rwol tal-istituzzjonijiet kulturali pubbliċi f'dan il-proċess) (SOC/809-EESC-2024)

Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

- Opinjoni dwar "Il-promozzjoni ta' politiki kulturali fiż-żoni rurali fil-qafas tal-istrategġi tal-iżvilupp u l-koeżjoni territorjali u l-Aġenda 2030" (C/2024/1040)

Nazzjonijiet Uniti

- Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità adottata fl-2006.
- Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, 1966.
- Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, 1966.
- Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, 1989.
- Rapport tal-2023 tal-UNCTAD dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp:
<https://unctad.org/publication/trade-and-development-report-2023>
- Patt tan-NU għall-Futur, 2024.

UNESCO

- Konferenza Dinjija tal-UNESCO dwar il-Politiki Kulturali u l-Iżvilupp Sostenibbli – MONDIACULT 2022: <https://www.unesco.org/en/articles/unesco-world-conference-cultural-policies-and-sustainable-development-mondiacult-2022>
- Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali.
- Qafas tal-UNESCO għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Arti. 2024.

Dokumenti oħra

- Id-Dikjarazzjoni ta' Cáceres mill-Ministri tal-UE għall-Kultura fil-25 u s-26 ta' Settembru 2023 taħt il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- ESSnet-Culture, European Statistical System Network on Culture final report (ESSnet-Culture, Rapport finali tan-Network tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika dwar il-Kultura), 2012: https://ec.europa.eu/assets/eac/culture/library/reports/ess-net-report_en.pdf
- EU-Statistics on Income and Living Conditions (EU-SILC) data collection (Ġbir ta' data dwar l-Istatistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC) <https://ec.europa.eu/eurostat/web/income-and-living-conditions/information-data>
- Porto Santo Charter (Karta ta' Porto Santo), 25 ta' April 2021 <https://portosantocharter.eu/the-charter>
- Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-rwol tal-kultura, il-wirt kulturali u l-pajsaġġ biex jgħinu fl-indirizzar tal-isfidi global (CM/Rec (2022) 15).
- "Culture's contribution to health and welfare" (Il-kontribut tal-kultura għas-saħħa u l-benesseri), rapport CultureForHealth, 2023.
- "Arts and Health: supporting the mental well-being of forcibly displaced people" (L-Arti u s-Saħħa: l-appoġġ għall-benesseri mentali ta' persuni spostati b'mod furzat), Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u CultureForHealth, 2022.
